# Vakanza

***MANAGER (POLICY AND TRAINING)***
**(Jobsplus Permit No: 232/2019)**

Din il-vakanza fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) hija fi Skala ta' Salarju 6 tas-Servizz Pubbliku. Din il-pożizzjoni hi b'kuntratt indefinit fuq bażi *full-time.*

Il-***Manager (Policy and Training)*** irid ikollu/ha fil-pussess tiegħu/tagħha:

a) Kwalifika ta' *Master's* rikonoxxuta, f'Livell 7 tal-MQF, (suġġetta għall-minimu ta' 60 ECTS/ECVET kredits, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2008), f'Diplomazija, Antropoloġija, Azzjoni Umanitarja, *International Relations*, Studji Soċjali, Soċjoloġija, Psikoloġija, *Public Policy*, *Gender Studies*, Liġi, Komunikazzjoni, Studji Ewropej jew kwalifika komparabbli professjonali, kif ukoll sentejn (2) esperjenza ta' xogħol relevanti

**JEW**

b) Kwalifika ta' *Bachelor's* rikonoxxuta, f'Livell 6 tal-MQF, (suġġetta għall-minimu ta' 180 ECTS/ECVET kredits, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2003), f'Antropoloġija, *Contemporary Mediterranean Studies*, *International Relations*, Studji Soċjali, Soċjoloġija, Psikoloġija, *Humanities*, *Social Policy*, Komunikazzjoni, Liġi, Studji Ewropej jew kwalifika komparabbli professjonali, kif ukoll erba' (4) snin esperjenza ta' xogħol relevanti

Il-kandidati għandu jkollhom ukoll kapaċitajiet ta' komunikazzjoni inkluż kitba tajba tal-Malti u tal-Ingliż, u kapaċi jużaw sew l-applikazzjonijiet relevanti tal-*MS Office*.

Dawk kollha interessati għandhom jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' CV dettaljata, lill-A/Direttur Eżekuttiv tal-NCPE **sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 29 ta' April 2019**. Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

NCPE
Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2295 7850
*E-mail*: equality@gov.mt  Sit elettroniku: www.equality.gov.mt